**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Natale Bonello**

Illum, 22 ta' Marzu, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Natale Bonello, iben Joseph u Manuela nee' Hili, imwieled San Giljan, fit-2 ta' Frar, 1975 u residenti 27, Flat 3, Treiq Sant Antnin, Marsaskala, detentur ta' karta tal-identita' 568675(M)

Talli fit-18 ta' Frar 2015 fl-Imdina, Malta, ikkommetta serq, u cioe' curkett, liema curkett huwa ta' valur ta' madwar 1,300 ewro, (elf u tlett mitt ewro) liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-lok.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta, fejn tali sentenzi gew defenittivi u li ma jistghux jinbidlu.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena dan il-Qorti qeghda tiehu inkunsiderazzjoni n-n atura tar-reat li teighu qieghed jinstab hati l-imptuat, il-fedina penali tal-imputat li hi wahda refrattarja, il-fattli l-imputat ioddikjara li se jhallas l-ammont tac-cuerkett lid-derubat u kif ukoll li l-imputat qieghed jindirizza l-problema tal-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 20, 49, 50, 261 (c) (e), 267, 269, 279 (a), 280 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) millum bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €742 lil Goldline Limted. Natlie Bonello ghandu jhalla lammont ta' €50 lill-istess Goldline Limted f'rati mensili, bl-ewwel pagament jibda jithallas mill-ahhar ta' April, 2016.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole u tirrikkomanda li jibqa' jigi segwit minn Probation Officer Ivan Sultana.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat